MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 1167/2007

**Attard & Co (Foodstuffs) Limited C25937**

**vs**

**MCRM Caterers Limited C24401**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta' attrici fit-8 ta' Novembru, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' disat elef, tmien mija u disgha u sebghin lira u hmistax-il centezmu (LM9,879.15) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' prodotti ta' foodstuffs mibjugha u konsenjata lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici;

Illi ghalkemm giet interpellata diversi biex thallas dan l-ammmont, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi dan il-debitu huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet validi xi tressaq;

Illi d-dikjaranti jaf b’dawn il-fatti personalment;

Illi ghalhekk kellha issir din il-kawza;

Talbet lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ghat-tenur ta’ l-Art 167 tal-Kap. X11 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ disat elef, tmien mija u disgha u sebghin lira u hmistax-il centezmu (LM9,879.15) ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dak tal-mandat ta’ qbid u sekwestru kawtelatorji rispettivament u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa hi ngunta ghas-subizzjoni;

Rat l-affidavit ta’ Dr Peter Caruana Galizia u d-dokumenti l-ohra;

Rat li s-socjeta’ konvenuta, debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi, baqghet kontumaci u fis-seduta tal-lum imsejjha tlett darbiet baqghet ma deheritx.

Peress li, fic-cirkostanzi, t-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat jidhru gustifikati, u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura a tenur ta’ l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici kif dedotti fir-rikors guramentat, u b’hekk tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta' disat elef, tmien mija u disgha u sebghin lira u hmistax-il centezmu (LM9,879.15), ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin elf u tnax il-Euro u tlieta u ghoxrin Euro centezmi

(€23,012.23) dovuta kif inghad; bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------